MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru 1221/2012

Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)

vs

Rachel Shaw

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 510475M, akkuzata talli nhar l-20 ta' Novembru 2012 ghal habta tal-04:15hrs fi Triq Sant'Antnin San Pawl il-Bahar:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe' PS914 I Mifsud, PC1485 G Zammit u WPC274 F

Quattromani, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
2. fl-istess cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Issibha hatja. Rat l-Artikoli 95, 338(dd), 17(d) tal-Kap 9. Tilliberaha li ma taghmilx reat iehor ghal sitt xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------